# *SOĊJETÀ FEJN TGĦAMMAR IS-SOLIDARJETÀ*

**Ittra Pastorali ta' Mons Isqof Mario Grech fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema 6 ta' Awwissu 2010**

Minkejja li llum twessgħet ix-xibka tal-komunikazzjoni bejnietna, ħafna drabi l-bniedem xorta waħda għadu jsib ruħu jgħix waħdu, imdawwar minn folla anonima, fejn il-vuċi tiegħu tibqa' mhix mismugħa u bla tweġiba. Din is-solitudni mhux biss hija forma ġdida ta' faqar, imma tkompli ttaqqal il-piż tal-faqar.

## Tliet forom ta' faqar

Kif ġie rrappurtat dan l-aħħar, f'pajjiżna hawn 15% tal-popolazzjoni fir-riskju ta' faqar materjali. Dan il-fatt iħassibna ħafna. Għandna min hu fqir għax nieqes mill-mezzi. Hemm ukoll dawk li, għax għandhom mezzi limitati, ma jifilħux għal ċerti piżijiet finanzjarji anke ta' ħwejjeġ essenzjali. Imbagħad hemm dawk li għandhom il-mezzi, imma ma jafux iħaddmu b'għaqal dak li għandhom u għalhekk iberbquh!

Hemm imbagħad il-faqar affettiv – jiġifieri dawk il-persuni li huma mċaħħda mill-imħabba. M'humiex ftit dawk li għal raġuni jew oħra mhux biss għandhom qalbhom muġugħa, imma jsibu lil min jisqihom l-imrar flok l-imħabba. Fost dawn hemm dawk li għandhom problemi fiż-żwieġ tagħhom jew dawk l-ulied li xi ħadd ħatfilhom l-għożża tal-familja.

Hemm ukoll il-faqar tal-karattru. Karattru li mhux mibni sewwa, faċli jħarbat in-nisġa ta' relazzjonijiet mal-oħrajn – fil-familja, fuq ix-xogħol, fil-komunità, u l-bqija. Ħafna drabi t-tiswir tal-karattru jiddependi mill-formazzjoni li wieħed jirċievi jew jibqa' ma jirċevix fi tfulitu.

## Għaliex il-faqar?

Waħda mill-kawżi ta' dan il-faqar kollu hija l-individwaliżmu li ħolqot il-kultura kapitalista. Dan wassal biex jinfirex l-anonimat, tikber l-indifferenza u joktor in-numru ta' dawk li, għalkemm parti mill-folla, qed jgħixu fis-solitudni! Din l-indifferenza lejn il-bniedem batut mhix biss dnub li jagħmlu l-individwi personalment, imma wkoll tal-istituzzjonijiet kull darba li jonqsu milli jwettqu dmirhom f'soċjetà demokratika. Mhux biss l-individwi saru indifferenti lejn xulxin, imma wkoll in-nazzjonijiet!

## It-tweġiba tagħna: is-solidarjetà

Il-kmandament tal-imħabba li tana Ġesù huwa t-tweġiba għal din l-isfida: "Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin" (Ġw. 13,34). Din l-imħabba tal-proxxmu tissarraf fi spirtu ta' solidarjetà. Ġesù qalilna ċar u tond: "Kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt. 25,40). Kuntrarju għal kif jaħsbu xi wħud, is-solidarjetà mhix atteġġjament sentimentali jew xi forma ta' assistenzjaliżmu! Infatti tkun solidali ma jfissirx li tagħmel elemożina jew xi azzjoni karitattiva ta' darba! Kif jikteb il-Papa Benedettu XVI fl-enċiklika *Caritas in Veritate*, hemm bżonn negħlbu l-viżjoni frammentata tas-solidarjetà, jiġifieri ta' solidarjetà bl-iskossi jew darba kull tant, u niskopru d-dimensjoni soċjali u politika tagħha. Hemm rabta bejn is-solidarjetà u l-ġustizzja: għax li ma tittraskurax lill-proxxmu tiegħek jassigura ħarsien mhux biss tal-ġid individwali imma wkoll tal-ġid komuni. Is-solidarjetà hija virtù li tesprimi ruħha f'imġiba abitwali u kontinwa tal-persuna – jiġifieri mġiba li ssir parti mill-karattru tal-persuna u li tidher fl-azzjonijiet kollha tagħha ta' kuljum. Is-solidarjetà hija dispożizzjoni tal-qalb li tgħaqqad iċ-ċittadini kollha flimkien b'tali mod li ħadd ma jitħalla jinħakem mix-xewqa li jintilef fil-folla anonima – għax huwa faċli li, biex wieħed ifarfar ir-responsabbiltajiet tiegħu, anke dawk soċjali, jagħżel li jkun bla isem u jilbes il-maskra biex jaħbi wiċċu!

## Atteġġjament ġdid: il-moderazzjoni

It-triq privileġġjata biex is-soċjetà konsumista tagħna ma titlifx dan l-ispirtu ta' solidarjetà hija s-sobrjetà jew il-moderazzjoni. Il-ħela u l-eċċessi fl-infiq jifgaw fil-bniedem dik il-vuċi li tgħidlu biex jagħti każ tal-proxxmu tiegħu fil-bżonn. L-għażliet fil-ħajja ekonomika familjari u soċjali għandhom isiru bil-qies u l-moderazzjoni. Atteġġjament sobriju jgħin biex ikun hemm aktar disponibbiltà ħalli jkun hemm tqassim aktar ekwu tal-ġid miksub b'mod onest. B'sobrjetà qed nifhmu li ma jkunx hemm tberbiq imma użu aktar responsabbli tar-riżorsi. Kull azzjoni ta' akkwist, barra li hija att ekonomiku hija wkoll att morali, fis-sens li hemm responsabbiltà ta' għemilna quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.

Din is-sobrjetà mhix biss valur personali imma wkoll istituzzjonali! Hija ħaġa pożittiva li l-istituzzjonijiet jagħmlu razzjonalizzazzjoni tal-użu tar-riżorsi biex dawn jintużaw b'mod ġust, speċjalment f'dak li jirrigwarda t-tħaddim tal-fondi pubbliċi. Abbuż minn fondi pubbliċi – jagħmlu min jagħmlu – mhu xejn għajr serq ta' flus il-poplu.

Ma nistax ma nirrikonoxxix bi gratitudni s-sens ta' solidarjetà li għandu l-poplu tagħna. Apparti l-għaqdiet ta' volontarjat u l-istituzzjonijiet ta' karità li jżommu wieqfa bil-ġenerożità ta' ħafna, insellem lil dawk is-sidien li fix-xhur li għaddew, b'riskju għall-patrimonju ekonomiku tagħhom, għażlu li ma jkeċċux lill-ħaddiema u baqgħu jipprovdulhom għajxien għalihom u għall-familji tagħhom. Wieħed japprezza wkoll l-intervent tal-Istat u tal-imsieħba soċjali f'ċerti każijiet biex setgħu jiġu assigurati l-impiegi. Fl-istess waqt, wieħed jawgura li fostna jikber u jissaffa dan l-ispirtu ta' solidarjetà.

## Solidarjetà soċjali

Is-soċjetà trid tkun solidali maż-żgħażagħ tagħna, speċjalment billi tfittex tipprovdilhom xogħol produttiv,

mhux biss biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom imma wkoll biex jiksbu dinjità. Din l-attenzjoni jeħtieġuha partikularment iż-żgħażagħ Għawdxin, li sakemm f'Għawdex ma jkunx hawn investiment serju mis-settur privat jew mis-settur pubbliku, ser jibqgħu ffaċċjati bl-isfida tal-emigrazzjoni interna bid-diffikultajiet li ġġib magħha.

Is-solidarjetà tissarraf ukoll fil-kontribut li kull ċittadin huwa fid-dmir li jagħti fir-rispett lejn il-liġijiet fiskali, biex il-kaxxa tan-Nazzjon tkun tista' tipprovdi l-għajnuna lil min jeħtieġ, partikularment liż-żgħir. Għalhekk tkun solidali jfisser li ma jkunx hemm evażjoni tat-taxxi.

**Solidarjetà fl-edukazzjoni**

Hemm bżonn inkunu solidali aktar mat-tfal tagħna billi noffrulhom aktar opportunitajiet edukattivi li jgħinuhom jibnu karattru sod u ta' fibra. Biex noffru dan is-servizz, is-sistema edukattiva għandha tgħin lill-għalliema biex mhux biss jgħallmu s-suġġetti akkademiċi imma jieħdu ħsieb il-bniedem sħiħ. Xi drabi tingħata l-impressjoni li l-insistenza hija ħafna aktar fuq l-aspett akkademiku milli fuq il-formazzjoni tal-persuna sħiħa. Aspett importanti ta' dan il-proċess edukattiv huwa l-formazzjoni etika u spiritwali tal-persuna.

**Solidarjetà mal-familji**

Qed tasal f'widnejna l-karba ta' għadd ta' żwiġijiet u familji li qed jiltaqgħu ma' diffikultajiet li qegħdin ipoġġu f'riskju l-istabbiltà taż-żwieġ u l-għaqda tal-familja. L-atteġġjament tagħna quddiem dawn id-drammi umani m'għandux ikun ta' kundanna jew stmerrija! Is-sens ta' solidarjetà jitlob li noffru rimedju li jkun jaqbel man-natura taż-żwieġ u tal-familja – rimedju mmirat biex ifejjaq u jgħin lill-koppja f'diffikultà terġa' tikseb l-istabbiltà u mhux biex jifred il-miżżewġin! Il-Kummissjoni Djoċesana Familja qed tagħmel xogħol utli ħafna f'dan ir-rigward. Fid-djoċesi ser inwaqqfu "Konsultorju tal-Familja" li jservi bħala "klinika" fejn koppja tista' tirrikorri biex tikseb il-mediċina tal-fejqan u mhux id-daqqa tal-mewt! Għalkemm inizjattiva bħal din titlob li d-Djoċesi tapplika riżorsi umani u finanzjarji kbar, jiena ċert li hemm ħafna li lesti jgħinu biex nagħtu n-nifs tal-ħajja lil min irid jgħix imma qed jinqatagħlu n-nifs!

**Solidarjetà ambjentali**

B'sens ta' solidarjetà mal-ġenerazzjonijiet futuri, illum aktar minn qatt qabel aħna rridu nħarsu l-ambjent ta' madwarna. Il-qerda tal-ambjent biex ikun sodisfatt l egoiżmu uman u l kilba għall flus tiġri meta l bniedem jaħkem l-ambjent b'mod kapriċċjuż u jinsa għal kollox li warajh ġejjin bnedmin oħra li wkoll għandhom id-dritt li jgħixu f'dinja li tixraq lill-bniedem.

**Alla solidali mal-bniedem**

Il-festa ta' Marija mtellgħa fis-sema tikkonferma kemm Alla huwa solidali mal-bniedem. Alla tant ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem (ara Ġw. 3,16). L-ewwel, Ġesù Kristu bata u miet biex ikun bħalna f'kollox; imbagħad, meta bil-qawmien tiegħu huwa rebaħ fuq il-mewt, b'solidarjetà magħna tana sehem minn din ir-rebħa fuq l-agħar għamla ta' faqar li jista' jaħkimna: id-dnub u l-mewt. L-akkwist tal-Assunta huwa l-akkwist tagħna. Dan huwa motiv biex nifirħu flimkien u naħdmu għal soċjetà fejn is-solidarjetà tgħammar fost il-bnedmin.

Nagħtikom il-barka pastorali tiegħi.

+ Mario Grech
Isqof ta' Għawdex

Mons Salv Debrincat
Kanċellier

# *IL-MEJDA EWKARISTIKA HI LAQGĦA TA' MĦABBA INTIMA MA' KRISTU*

**Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech fl-Ordinazzjoni Presbiterali ta' Dun Noel Debono u Dun Maximillian Grech. Knisja Katidrali – Il-Ħadd 13 ta' Ġunju 2010**

Kulħadd hu mistieden madwar il-mejda tal-Mulej

Jingħad illi biex tidħol f'intimità ma' persuna oħra, mur sibha madwar mejda. Il-Mulej Ġesù, illi ried jidħol f'intimità magħna, għażel ukoll illi jlaqqagħna madwar il-mejda, kif smajna fil-Vanġelu li għadu kif tħabbrilna (Lq 7,36-50). Ġesù jintasab mal-mejda tal Fariżew. Għal Ġesù din il-mejda hija miftuħa għal kulħadd. Ħadd m'hu eskluż. M'hemm l-ebda kategorija tal-bnedmin illi għandha tħossha mhix milqugħha jew mhix aċċettata mal-mejda tal-Mulej, kemm dawk li jieħdu sehem sħiħ mill-mejda kif ukoll dawk li, għal xi raġuni jew oħra, ma jieħdux sehem sħiħ. Imma forsi hemm dawk li jidħlu fid-dar bħal ma daħlet il-mara midinba fid-dar tal-Fariżew: għall-kurżità. Iva, il-bieb huwa miftuħ anke għal dawn biex huma wkoll jinġabru madwar il-mejda tal-Mulej.

**L-Ewkaristija hi skola ta' empatija**

Nifirħu llum għaliex il-Mulej qed jipprovdi lill-Knisja tiegħu żewġt'irġiel illi huma msejħin biex joqogħdu propju mal-mejda. Hawn il-presbiteri ġodda huma mqabbda mill-Imgħallem biex il-mejda ma tibqax vojta, imma jipprovdulna dak il-ħobż li niżel mis-sema. Għeżież ordinandi, bħal Ġesù jeħtieġ ikollkom din l-apertura għal kulħadd mingħajr ma teskludu lil ħadd. Għaliex l-Ewkaristija hija skola ta' empatija. Skola fejn il-bniedem iħossu mifhum u aċċettat. Forsi wieħed ma jkunx mifhum minn ħutu l-bnedmin; imma almenu jaf li huwa mifhum minn Alla. Li nifhmu lil ħaddieħor ma jfissirx li nkunu parteċipi f'għemilu jew li nkunu nikkonfermaw l-għażliet u l-imġieba tiegħu; imma almenu huwa jaf illi hawn xi ħadd iħobbu, u minkejja li hu kif inhu, huwa milqugħ.

Hekk l-Ewkaristija tagħna hija l-qalba tas-sagramentalità. Minnha jieħdu tifsira u sens is-sagramenti kollha tal-ħajja Nisranija. Is-sagramenti huma mezzi ordinarji li permezz tagħhom Alla jdewwaq lill-bniedem it-tjubija tiegħu, iserrħu mit-tagħbija, imantnih, iqawwih u jilliberah.

X'inhuma dawk l-atteġġjamenti li għandu jkollu l-presbiteru madwar din il-mejda? Jew x'inhuma dawk l-atteġġjamenti li m'għandux ikollu l-presbiteru meta jkun madwar il-mejda? Huwa f'postu ħafna l-Evanġelju tal-liturġija tal-lum għaliex ikellimna dwar tliet lingwaġġi simboliċi. Ikellimna dwar tliet modalità kif nistgħu nidħlu fil-preżenza t'Alla. Il-presbiteru li jippresiedi l-ikla ewkaristika huwa l-bniedem tas-simbolu. Il-bniedem tas-simbolu mhux dak li jivvinta jew jimprovviża; imma din trid tkun esperjenza ħierġa mill-kontemplazzjoni tal-misteru biex is-simbolu mbagħad jiġi miftiehem u jikkomunika l-verità.

### Il-lingwaġġ ta' Xmun il-Fariżew: ma jinżilx fil-fond

X'inhuma dawn it-tliet lingwaġġi jew it-tliet modalità li nara fir-rakkont tal-Evanġelju li jirrakkonta l-waqfa ta' Ġesù għand Xmun il-Fariżew? Ħafna drabi aħna ftit kattivi ma' Xmun il-Fariżew għaliex fih naraw biss dak illi rrifjuta lill-mara midinba fid-dar tiegħu. Però l-fatt illi Xmun jistieden lil Ġesù għall-ikel fih tifsira enormi. Fil-mentalità Ebrajka, wara l-att matrimonjali, li huwa l-espressjoni tal-aqwa intimità, jiġi li wieħed jistiednek li toqgħod fuq il-mejda miegħu! Daqshekk Xmun xtaq jidħol f'intimità mal-Imgħallem. Irridu nirrikonoxxu li kien ġest awtentiku. Imma kien ġest dgħajjef, fraġli, għaliex ma kienx radikat f'konoxxenza profonda ta' min hu Ġesù Kristu. Ma kienx miftuħ biex madwar il-mejda jilqa' lil kulħadd; anzi, hekk kif daħal xi ħadd distint mill-bqija tal-mistednin – kif daħlet dik il-mara midinba –, Xmun infixel, bdew deħlin f'qalbu u f'moħħu ħafna dubji anke dwar l-Imgħallem. Skandalizza ruħu; mhux biss, imma sar ġustizzier għaliex ikkundanna lil din il-persuna.

Issa fil-mentalità Lhudija huwa faċli li waqt li jkun hemm ikla il-bieb ikun miftuħ – bħalma hu miftuh il-bieb tal-knisja tagħna! – u jkun għaddej xi ħadd u jidħol. Il-Fariżew kellu ħafna tajjeb, imma kien jonqsu kwalità importanti: illi jara x'hemm fil-profondità tal-qalb tal-bniedem. Huwa waqaf biss fl-għarfien pubbliku ta' dik il-persuna u ma tax lok illi japprezza x'hemm fis-sinċerità tal-qalb tagħha. Il-Fariżew bagħat sinjal: għamel stedina. Imma l-għażla tiegħu ma kinitx għażla evanġelizzata; ma kinitx għażla motivata tajjeb; ma kinitx għażla mdawla!

Kemm jiġrilna hekk meta niċċelebraw l-Ewkaristija, meta niltaqgħu għall-ikla mal-Mulej! Ħafna drabi ninfixlu meta naraw fostna lil xi ħadd li f'imġiebtu jiddistingwi ruħu mill-bqija. Jista' ikun illi l-parteċipazzjoni tagħna fl-Ewkaristija hija wkoll nieqsa mill-evanġelizzazzjoni, li l-parteċipazzjoni tagħna mhi xejn Kristjana, għax altrimenti l-atteġġjamenti tagħna jkunu differenti, bħalma kien l-atteġġjament tal-Imgħallem quddiem il-midinba!

X'kien allura l-lingwaġġ ta' Xmun illi aħna rridu nevitaw? Illi huwa għamel ikla, imma kienet vojta mit-tifsira essenzjali tagħha. Fil-ħajja jiġrilna l-istess: għalkemm niċċelebraw l-Ewkaristija bħala ħaġa sagra, però mhux dejjem tgħinna nagħmlu esperjenza ta' Kristu msallab, feddej tagħna! Kemm qegħdin nesperjenzaw fl-Ewkaristija l-misteru tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu? Jista' jkun li aħna nagħmlu ħaġa sagra, imma għal ħafna l-Ewkaristija hija biss spettaklu u mhux esperjenza intima mal-Mulej u bejnietna. Altrimenti l-attitudnijiet tagħna jkunu ftit differenti minn dawk li komunement nuru. Kien jonqsu allura li l-Fariżew li jiġi evanġelizzat – bil-lingwaġġ kontemporanju llum kieku aħna ngħidu illi Xmun kien jonqsu jieħu sehem fl-ewwel parti tal-quddiesa: il-liturġija tal-kelma. Aħna l-presbiteri kemm qegħdin nagħtu importanza lill-ewwel parti tal-liturġija tal-quddiesa, il-liturġija tal-Kelma li trid tħejji l-qalb tagħna lkoll, presbiteri u lajċi, għal din l-ikla?

Il-Fariżew kien jonqsu "l-ispiritwalità tad-debitur" – l-ispiritwalità ta' min iħoss u jemmen illi rċieva ħafna mingħajr ma jistħoqqlu, illi għandu x'jagħti ħafna lill-Imgħallem tiegħu, bħal dak ir-raġel fil-parabbola li kellu jagħti ħames mitt dinar u ma kellux minn fejn iħallas dejnu (Lq 7,41). Sfortunatament fil-konfront t'Alla aħna nqisu lilna nfusna bħala kredituri – għamilna xi pjaċir lil Alla! u allura forsi naslu biex nimmanipulaw lil Alla. Imma kieku nħossuna debituri, kieku aħna nagħmlu esperjenza tal-maħfra li tkun mifruxa għal kulħadd.

### Il-lingwaġġ tal-mara midinba: l-imħabba

X'inhu il-lingwaġġ jew il-modalità li tippreżentalna l-mara midinba fil-vanġelu tal-lum? Ma qaletx kelma waħda imma l-azzjoni tagħha tkellmet b'qawwa aktar minn kliemha. Għamlet azzjoni straordinarja li mhux biss tiżboq in-normalità, mhux biss toħroġ 'il barra min-normalità, imma saħansitra tikkontrasta man-normalità! Kien hemm xi ħaġa fiha illi tħeġġiġha u tqanqalha. Niftakar f'dak li jgħid l-istess evanġelista Luqa fir-rakkont tad-dixxipli ta' Għemmaws: "Ma kinitx imkebbsa qalbna huwa u jkellimna?" Din il-mara, b'kuntrast mal-Fariżew, kellha qalb tħeġġeġ, l-imħabba tagħha saqitha minn triq b'mod inkontrollabbli biex hekk irnexxielha tidħol fejn l-Imgħallem. Ma ħaditx sehem mill-ikla – ma kellhiex il-platt tagħha, imma kienet preżenti. Min jemmen u jħobb lil Ġesù jagħmel liturġija!

Jekk l-Ewkaristija tagħna tkun biss ċelebrattiva u ma jkunx hemm dan l-animu kollu mħabba u entużjażmu għal Kristu, l-Ewkaristija tibqa' biss ċelebrazzjoni esterna li ma ddaħħalniex fl-intimità ma' Kristu u ma tlaqqaniex miegħu. Forsi għalhekk niċċelebraw l-Ewkaristija u ftit naraw l-effetti tagħha!

### Il-lingwaġġ ta' Ġesù: it-tama

X'kien il-lingwaġġ li bih tkellem Kristu f'din ix-xena li qegħdin nikkontemplaw? Kristu jistieden lill-Fariżew biex iħares madwaru bl-għajnejn t'Alla, li ma jitfixkilx quddiem id-dlam ikkawżat mid-dnub imma josserva fid-dawl t'Alla. Bħala bniedem, il-Fariżew kien kapaċi biss jagħmel katalogu: din tajba u dik ħażina; dan jidħol u l-ieħor jibqa' barra. Imma meta nħarsu lejn l aħwa bl għajnejn ta' Alla, nintebħu li d-dinja mhix maqsuma bejn il-ġusti u l-ħżiena imma hemm diversi gradazzjonijiet ta' dwal u dlam. Kristu lill-Fariżew jgħidlu biex iħares madwaru b'viżjoni evanġelizzata li mhix viżjoni li teqred, tikkundanna jew

toqtol, imma hija viżjoni li tnissel it-tama u l-imħabba li tant għandha bżonnhom l-umanità, inklużi jien u int.

Dik hi l-azzjoni ta' Kristu madwar il-mejda, illi meta ninġabru hawn madwarha timliena bil-kuraġġ biex min hu wieqaf jibqa' wieqaf u min hu mwaqqgħa jsib il-qawwa biex iqum u jerġa' jimxi. Għeżież presbiteri ġodda, dan hu l-lingwaġġ tagħna l-presbiteri.

Fir-rigward tal-mara midinba, flok ma jagħmel bħal Xmun, Kristu jinterpreta fil-pożittiv l-azzjonijiet li għamlet. M'għamlitx azzjonijiet taċ-ċajt: tibki, ixxarrablu riġlejh bi dmugħha u tixxuttahomlu b'xagħar rasha, bisitlu riġlejh u dilkithomlu biż-żejt ifuħ. Dawn kollha huma azzjonijiet marbutin mal-ħajja taż-żwieġ. Din il-mara kienet taf kif tmur mal-irġiel! Frattant, Kristu ma nfixilx, imma interpreta dawk l-azzjonijiet bħala manifestazzjoni tal-imhabba tagħha. Kieku llum f'termini teoloġiċi nistgħu ngħidu illi in voto din il-mara kienet diġà kisbet il-maħfra. Ġesù jgħidilha: "Dnubietek maħfura. Il-fidi tiegħek salvatek."

**Ministri tal-intimità m'Alla**

Dik hija l-esperjenza li għandu jkollna lkoll kull darba li aħna ninġabru ma' din il-mejda tal-Ewkaristija – sew dawk li huma qaddisin, kif wkoll dawk li huma midinbin. Dan hu l-ministeru tagħna, għeżież ħuti fis-saċerdozju. Mhuwiex ministeru ħafif. Imma bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu nkunu kapaċi nagħmlu mill-mejda ewkaristika li tagħha aħna ministri dak li San Tumas isejjaħlu *sacrum convivium*. *Convivium* fis-sens li ngħixu flimkien, basta fil-qalb tagħna hemm dik l-imħabba enormi li kellha dik il-mara midinba għal Kristu. L-importanti huwa li f'qalbna jkun hemm ix-xewqa li niltaqgħu mal-Mulej. Fil-preżenza tiegħu, aħna nirrikonoxxu l-iżbalji tagħna, nindmu minnhom u nkomplu t-triq li għandna quddiemna. Dan għandha bżonn id-dinja u s-soċjetà tagħna.

Għalhekk, ħuti djakni li sejrin issiru presbiteri, inħeġġiġkom biex minn għada tibdew tiltaqgħu mal-"mejda". Tittraskuraw qatt la l-mejda u lanqas lil min irid jinġabar madwarha. Jalla l-preżenza tagħkom bħala presbiteri ġodda tkun okkażjoni fejn aħna l-poplu t'Alla nduqu t-tjubija ta' Alla, is-salvazzjoni tiegħu.

Minn qalbi nawguralkom li f'dan il-ministeru ma tkunux waħedkom. Kif ikompli jgħid Luqa fil-vanġelu, Kristu baqa' jxandar il-bxara t-tajba tal-ħelsien imma miegħu kellu oħrajn. Għeżież ħuti, nappellalkom biex takkumpanjaw lis-saċerdoti tagħna u ssieħbu magħhom f'din il-missjoni li huma għandhom għall-qdusija tal-Knisja u tad-dinja. Ammen.

# *ILĦNA LI JAGĦTU DIREZZJONI*

**Sintesi tal-omelija ta' Mons Isqof Mario Grech waqt il-pontifikal tal-festa ta' San Ġwann Battista, parroċċa tax-Xewkija, li saret nhar il-Ħadd, 27 ta' Ġunju 2010.**

Qed ngħixu fi żmien tal-immaġni u tal-kliem! Imma ħafna drabi la l-immaġni u anqas il-kliem ma jirriflettu r-realtà! Huma biss immaġni u kliem qarrieqa!

Inħoss li llum neqsin minn ilħna li jagħtu direzzjoni żgura, direzzjoni li tfittex u tħares il-ġid komuni. Billi hemm interessi personali qawwija u nibżgħu li jekk ngħidu s-sewwa nidhru koroh u hemm x'nitilfu, ħafna drabi nagħżlu li nibqgħu b'fommna mitbuq. L-omertà kull tant qed issir attitudni komda kemm għall-individwi kif ukoll għall-istituzzjonijiet. Qegħdin inbatu minn ċertu "mutiżmu" – għandna soċjetà li kultant tidher mbikkma.

Ċerti ġenituri waqgħu fil-muta quddiem uliedhom. Fejn hi l-kelma tal-ġenitur li biha jeduka, jinkoraġġixxi, iwissi u jikkoreġi lil uliedu? Għaliex il-ġenituri llum tilfu l-kelma quddiem ċerti stili indiċenti ta' ħajja li qed jadottaw l-ulied? M'għandux ikun il-każ li xi sens ta' inferjorità jwaqqa' l-ġenituri fil-muta!

Għalkemm is-soċjetà qed tipproponi ċerti forom oħra ta' familja, ħafna huma konvinti li dawn il-proposti mhumiex l-aħjar u mhumiex korretti; imma xorta jibqgħu fil-muta u ma jitkellmux. Min qed jgħid il-verità sħiħa dwar l-effetti negattivi tal-koabitazzjoni?

Fl-ambjenti ekonomiċi internazzjonali bosta jitkellmu minn assigurazzjonijiet ta' futur. Safrattant, kien hemm soċjetajiet li fl-imgħoddi ma qalux il-verità kollha u llum kellhom jieħdu miżuri iebsa li l-aktar jolqtu liż-żgħir. Ma għandhomx jiġu skartati sforzi biex din l-isfida tkun indirizzata bl-akbar responsabbiltà.

F'dan il-kuntest, wieħed ma jistax ma jagħrafx il-kontribut siewi li jistgħu jagħtu ċerti istituzzjonijiet meta jitkellmu biex jiġi assigurat l-użu tajjeb u fl-interess komuni tar-riżorsi pubbliċi.

Is-soċjetà tajjeb tevita sitwazzjonijiet fejn wieħed jagħżel li jibqa' mutu biex jevita li ħaddieħor jitkellem dwaru!

Irrid nittama li quddiem ċerta kritika distruttiva, il-Knisja ma taqax fil-muta wkoll. Hija missjoni tagħha li twassal il-verità ta' Kristu – ġdida u antika fl-istess waqt. Bħal Ġwanni l-Battista l-Knisja m'għandhiex tkun qażba tixxejjer mar-riħ imma hija l-leħen tal-Kelma. Mat-twelid ta' Ġwanni l-Battista, mhux biss Alla kisser is-skiet tiegħu u beda jikkomunika mal-bnedmin permezz ta' Kristu, imma anke Żakkarija rebaħ il-muta tiegħu u beda jitkellem favur is-sewwa. Żakkarija huwa eżempju għal kull bniedem.

**Nota tad-Direzzjoni:**

Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u kkonservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.